# Birkirkara fis-Sena 1861

minn Ġużi Mallia

Għadu kemm ġie f' idejja r-rapport taċ-ċensiment tal-popolazzjoni li kien sar fis-sena 1861, jiġifieri 136 sena ilu, u tant fih tagħrif interessanti li għalija tkun ħasra jekk inħalli kollox għaddej mingħajr ma nagħtih l-attenzjoni li jixraq.



Huwa fl-interess ta' kull Gvern li fil-pajjiż jagħmel ċensiment tal-popolazzjoni minn żmien għal ieħor biex jara kif inhi l-qagħda fil-pajjiż, jekk il-poplu hux qed jiżdied jew jonqos, kif inhu mqassam il-poplu u xi tagħrif ieħor li fuqu jista' jippjana l-politika tiegħu, biex b' hekk tkun ta' l-akbar siwi għal pajjiż u l-poplu kollu. Dawn iċ-ċensimenti ilhom isiru għal żmien twil u għalhekk insibu fl-istorja li San Ġużepp u l-Madonna kellhom imorru jinkitbu fiċ-ċensiment li kien sar fi żmien l-Imperatur Ċesare Awgustu, biex b' hekk huma jkunu tassew osservaw il-liġi.

Dan iċ-ċensiment tal-1861 kien sar meta l-Gvernatur ta' Malta kien Sir John Gaspard Le Marchand G.C.M.G. L-aħħar ċensiment li kien sar qabel dan kien fis-sena 1851 u kien juri popolazzjoni ta' 123,496. Fil-31 t' Ottubru 1861, id-data li turi l-poplazzjoni eżatta ta' dan iċ-

ċensiment, kien hawn f' Malta u Għawdex 134,055 ruħ, jiġifieri żjieda ta' 10,559 jew 8.55% fuq dik ta' għaxar snin qabel.

Il-popolazzjoni ta' Birkirkara kienet ta' 6,292 jew 4.7% tal-popolazzjoni kollha taż-żewġ gżejjer. Dak iż-żmien Birkirkara kellha magħha wkoll l-inħawi ta' Santa Venera, Misraħ il-Barrieri, Villambrosa u Triq San Ġużepp li bejniethom kellhom poplazzjoni ta' 425 ruħ. Għal dawk li għadhom żgħar fl-eta ikollna ngħidu li l-firxa ta' Birkirkara kienet wisq akbar minn dik ta' llum u kienet tinkludi parti mill-Ħamrun, Santa Venera u San Ġwann.

Il-popolazzjoni ta' Birkirkara kienet ta' 6,292 u kienet imqassma hekk; 3,086 ta' sess maskili u 3,206 ta' sess feminili. In-numru ta' tfal mit-twelid sa l-eta ta' 15-il sena kien ta' 2,069 jew 32.9% tal-popolazzjoni f' Birkirkara; il-kbar bejn 16 u 60 sena kienu jgħoddu 3,604 jew 57.3%. Dawk 'il fuq minn 61 sena kienu jgħoddu 619 jew 9.8% tar-residenti f' Birkirkara. B' kollox f' Birkirkara kien hemm 1,456 familja. F' dan iċ-ċensiment kien hemm ukoll tagħrif fuq dawk li kienu jitkellmu bl-Ingliż li minnhom f' Birkirkara kien hemm biss 61 minn total ta' 8,675 li kien jafu jitkellmu b' dan l-ilsien għaż-żewġ gżejjer, inkella 0.7%. Kien hemm ukoll 69 li kienu jafu jaqraw bl-Ingliż u 323 li kienu li kienu jafu jaqraw bit-Taljan. Jidher fiċ-ċar għaldaqstant li għalkemm l-Ingliżi kien ilhom hawn Malta 60 sena, ma kienx sar sforz qawwi biex il-Maltin jitgħallmu l-lingwa tagħhom, inkella l-poplu ftit li xejn wera interess li jitgħallmu.

L-akbar għadd skond l-etajiet kien dak bejn is-6 u 10 snin, fejn il-figuri għas-subien kienu ta' 364 u l-bniet 353, għal total ta' 717 jew 11.4% tal-Karkariżi kollha. Ħaġa li tqanqal il-kurżita hija li dawn il-figuri jirriflettu ż-żjieda fix-xogħol li kien hawn f' Malta fis-sena 1854, fil-Gwerra tal-Krimea, li kawża t' hekk hemm iżjed żwiġijiet u iżjed ulied. Daqstant ieħor jiġbdu l-interess il-figuri għall-etajiet 56 - 60 li juru 80 raġel u 92 mara għal total ta' 172. Dawn in-nies twieldu ftit taż-żmien wara l-okkupazzjoni Franċiża u dawn l-istess figuri huma wisq iżjed baxxi għal dawk bejn il-51 u l-55 sena li juru total ta' 388 u ta' dawk ta' l-etajiet bejn il-61 u l-65 li kienu jgħoddu 252. Dawn il-figuri jindikaw fiċ-ċar l-istat ta' miżerja inkella ta' xi gwaj ieħor li sofrew minnu l-ġenituri tagħhom anke wara t-tluq tal-Franċiżi minn Malta. Kien hemm ukoll mara li kellha 'l fuq minn 100 sena.

Ħaġa li tiġbidlek l-attenzjoni hija l-popolazzjoni mqassma skond it-triq tar-residenza. Minn studju fuq dan is-suġett malajr joħroġ ir-riżultat li l-akbar konċentrazzjoni tal-poplu kienet madwar il-parroċċa. L-akbar għadd ta' 690 insibuh fi Triq il-Kbira u total ta' 549 kienu jgħixu fl-

sqaqien ta' din it-triq. Daqsxejn ta' paragun żgħir jindika jekk dik it-triq li għad għandha l-istess isem ta' llum, ma kinitx daqshekk mibnija jew twila kif nafuha llum. Il-popolazzjoni f' diversi toroq kienet imqassma hekk:

| | | | |
|---|---|---|---|
| Triq il-Vitorja | 296 | Triq in-Naxxar | 32 |
| Wara l-knisja | 135 | Triq Ħas Sajjied | 220 |
| Triq Ganu | 126 | Triq Rigu | 86 |
| Triq Ħerba | 211 | Triq Sant' Elena Nru. 1 | 84 |
| Triq Sant' Elena Nru. 2 | 221 | Triq San Ġużepp | 101 |
| Triq Għar il-Ġobon | 202 | Triq iż-Żebbiegħ | 50 |
| Triq l-Imrieħel | 96 | Triq San Rokku | 309 |
| Sqaqien fi Triq San Rokku | 412 | Triq Paris | 97 |
| Sqaqien fi Triq San Ġiljan | 269 | Triq San Ġiljan | 420 |
| Triq Imsida | 356 | Triq il-Wied | 261 |
| Triq Wejter | 165 | Strada Ghacta | 24 |
| Laqxija u Sqaqien | | | 308 |
| In-naħa tal-Għorgħar fi Triq San Ġiljan | | | 54 |
| In-naħa ta' Santa Venera | | | 425 |
| Strada Molino e Chiesa Vecchia (in-naħa tal-Knisja l-Qadima) | | | 113 |
| Triq Qrejżu u l-Knisja l-Qadima | | | 70 |

Wara li rajna fejn kienu joqogħdu n-nies skond it-triq, issa naraw x' kien ix-xogħol jew professjoni tagħhom.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri tal-kleru | 45 | Patrijiet Ġiżwiti | 15 |
| Benestanti | 45 | Avukati | 3 |
| Tobba | 6 | Spiżjara | 4 |
| Nutara | 3 | Għalliema | 7 |
| Sensara | 14 | Baħħara Merkantili | 21 |
| Bil-ħanut | 16 | Bejjiegħa oħrajn | 124 |
| Ħaddieda | 16 | Landieri | 22 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Benneja u kaħħala | 372 | Ħajjata nisa | 226 |
| Ħajjata rġiel | 41 | Skrapan | 33 |
| Fl-industrija tal-qoton | 305 | Bil-kaless | 95 |
| Bil-Karettun | 143 | Dawk li jitħnu | 35 |
| Furnara | 29 | Negozjanti | 53 |
| Fl-industrija tal-gummar (straw workers) | | | 352 |
| Impjegati tal-Gvern (mhux Pulizija) | | | 27 |

Minn dan it-tagħrif dwar okkupazzjoni, ħafna riżultati joħorġu waħidhom. Hekk per eżempju nies fil-kummerċ kien hemm numru sostanzjali. Dawk li jaħdmu fir-raba kienu wkoll fil-kwantita u dan juri biċ-ċar li l-art agrikola ġewwa Birkirkara kienet tassew kbira. L-industrija tal-bini dejjem kienet waħda importanti u għalhekk insibu numru kbir ta' ħaddiema. L-istess ħaġa ngħidu għall-industrija tal-qoton li mietet mewta naturali. Hekk ġralha l-industrija tal-gummar li sa qabel it-Tieni Gwerra Dinija kienet għadha tferfer. L-impjegati fit-trasport i.e. 98 bil-kaless u 143 bil-karettun kienu wkoll fi kwantita u issa niktbu fuqhom jew nitkellmu fuqhom b' ċerta nostalġija għax il-karozza ħadet posthom. Il-karettun miġbud mill-bhima issa sar ħaġa rari u li kieku ma kinux it-turisti, anke l-karozzin kien jgħib għal kollox.

Studenti fl-Universita' u fil-Liċeo kien hemm 3 biss, fil-waqt li iskola primarja kien hemm 316. Dan kien numru żgħir wisq, meta tfal bejn is-6 snin u l-15-il sena kien hemm total ta' 1,366, fi kliem ieħor jew kienu jattendu l-Iskola Primarja 23% mit-tfal kollha jew wieħed minn kull erbgħa tat-tfal ta' l-eta ta' l-iskola. Ta' min isemmi li t-tagħlim ta' l-iskola ma kienx għadu obligatorju. Fl-iskejjel privati kien hemm biss 18-il student; forsi dawn kienu jattendu jew is-Seminarju inkella l-Kulleġġ tal-Ġiżwiti. Barra l-istudenti u nies oħra ikklassifikati iżjed 'il fuq, kien hemm 30 tallaba u 109 sajjieda u barklori. Nies bla xogħol kien hawn 43 mill-klassi għolja (forsi dawk tas-sengħa jew li kienu jafu xi ftit skola) u 1,515 mill-klassi baxxa (forsi dawk bla tagħlim jew sengħa).

Dan ir-rapport fih ukoll tagħrif fuq in-numru ta' mwiet li fis-sena 1859 kien ta' 142, li minnhom 107 kienu taħt il-5 snin; fi kliem ieħor trabi. F' din is-sena twieldu wkoll 234 u n-numru ta' żwiġijiet kien ta' 38. Għas-sena ta' wara i.e. 1860, mietu b' kollox 124, li minnhom 70 kienu trabi. F' din l-istess sena twieldu 218 u żżewġu 38 koppja. Fis-sena 1861, mietu 197 li minnhom 148 kienu trabi. Kien hemm ukoll 235 twelidijiet u 44 żwiġijiet. Meta wieħed janalizza l-figuri tal-imwiet, isib li għal dawn

it-tliet snin l-imwiet ta' trabi kienu ta' 75.4%, 56.5% u 75.1% mill-imwiet kollha għal tliet snin suċċessivi. Meta wieħed ikejjel bl-istandard ta' llum b' dawn il-figuri żgur jitkexkex, għar-raġuni li llum għal grazzja t' Alla l-mewt tat-trabi waqgħet kważi fix-xejn minħabba l-avanzi li saru fix-xjenza, ikel tajjeb u fi kwantita, iġjene, eċċ. Difatti jekk wieħed miż-żgħar tagħna kellu jiddiskuti dan is-suġġett ma' xi wieħed mill-anzjani, isib li sa ftit qabel il-gwerra, id-daqq tal-Glorja u l-funerali tat-trabi kienet ħaġa ta' kuljun u fl-istess ħin dawn l-istess anzjani jgħidulek li mill-familja tagħhom mietu wkoll trabi tat-twelid jew ta' eta tenera.

Dan iċ-ċensiment jagħti wkoll tagħrif dwar persuni li jbatu minn xi difett jew ċertu mard. Hekk insibu li kien hemm 18 għomja (numru pjuttost għoli meta tqis li l-popolazzjoni ma kinitx daqshekk kbira), 10 magħtuba, 1 trux, 10 b' difett mentali, 2 paralitiċi u 30 oħra b' difetti differenti, għal total ta' 71.

Fl-aħħar nett dan iċ-ċensiment jagħti tagħrif fuq il-familji u l-mod ta' kif jgħixu. Kien hemm 162 persuna li jgħixu waħidhom u 1,456 familja. Meta aħna nnaqqsu n-numru ta' persuni li jgħixu waħidhom i.e. 162 mit-total ta' popolazzjoni f' Birkirkara ta' 6,292, insibu li d-daqs bejn wieħed u ieħor tal-familji f' Birkirkara kien ta' 4.2.

F' Birkirkara kien hemm 30 għonja u dawn kellhom qligħ regolari u kienu jgħoddu 360, filwaqt li dawk li ma kellhomx qligħ regolari kienu jwasslu sa 1,099. Dan jindika fiċ-ċar li missirijietna kellhom diffikultajiet dwar l-għajxien tagħhom b' mod partikolari dawk li kienu kapijiet ta' familja. Barra dawn il-1,099 li ma kellhomx qligħ regolari, kien hemm ukoll 129 persuna fil-bżonn.



Dan it-tagħrif kollu, minbarra l-valur storiku li fih, jista' jservi biex wieħed jagħmel paragun feliċi dwar il-mod ta' għajxien ta' llum ma' dak ta' dari u dan jurina biċ-ċar kemm wieħed għandu għax tassew jirringrazzja 'l Alla kull ħin u kull mument għal dak kollu li għoġbu jipprovdielna, b' mod partikolari għall-avanz fix-xjenza li permezz tagħha l-bniedem sar jgħix iżjed u ċertu mard li qabel kien iġib il-mewt immedjata, issa sar jitfejjaq bil-mediċina. Prova ta' dan huwa l-fatt li kif muri iżjed 'il fuq, il-mewt tat-trabi kien daqshekk fi kwantita, il-lum il-ġurnata, safa kważi fix-xejn.

Nhar San Lawrenz 1995